# MEZZI TA'

# GRAZZJA

# FIL-KNISJA



PAUL MIZZI

Il-mezzi tal-grazzja huma dawk il-mezzi li Alla ħatar sabiex iwasslilna fir-ruħ l-influwenzi tal-Ispirtu tiegħu, li bihom ngħixu u nitqaddsu. Alla tana kulma hu meħtieġ biex jirnexxielna ngħixu ħajja tajba quddiemu (2 Pt.1:3). Insemmu d-diversi mezzi għad-dispożizzjoni tagħna.

# Il-Kelma

Il-Bibbja mhux biss hi l-unika barriera mnejn jinqatgħu l-knaten tad-dottrini teoloġiċi, imma hi wkoll il-mezz użat mill-Ispirtu biex jestendi u jkabbar il-knisja ta' Kristu, jedifikaha u jmantni l-membri tagħha. Għaldaqstant il-Bibbja Mqaddsa hi l-mezz ta' grazzja l-aktar importanti. Dan insostnuh għal żewġ raġunijiet fondamentali:

1. Mingħajr ix-xandir tal-evanġelju m'hemmx salvazzjoni (Rumani 1:16; 1 Korintin 1:24). Alla juża Kelmtu biex in-nies jiksbu l-ħajja permezz tal-fidi fi Kristu Ibnu (Ġakbu 1:18; 1 Pietru 1:23. 2 Timotju 3:15).

2. Fil-Bibbja nsibu wkoll il-kompletezza għall-karattru u ministeru tagħna (2 Timotju 3:16). Biha l-Kristjan jikber u jkun edifikat fil-fidi (Atti 20:32). Hi indispensabbli għas-saħħa u l-benessere ta' wlied Alla (Mattew 4:4. Dewteronomju 32:47). L-Iskrittura tagħtina l-għerf meħtieġ, kif ukoll gwida u tama (Salmi 19:7; 119:105; Rumani 15:4).

Hemm relazzjoni intima bejn l-Ispirtu u l-Kelma (1 Pietru 1:12; 1 Tess.1:5). It-tnejn joperaw flimkien għall-ġid spiritwali tagħna.

Allura l-ordinanza tal-Mulej rigward l-Iskrittura hi li aħna naqrawha (Riv.1:3). Iżda b'mod speċjali l-Kelma jmissha tkun pritkata minn xandara kompetenti (1 Korintin 1:21. Ara wkoll Isaija 55:3).

Kif għandna nippreparaw ruħna qabel nisimgħu l-Kelma?

1. Nikkonsidraw il-maestà t'Alla, li fil-preżenza tiegħu nkunu se nidhru, u li l-Kelma tiegħu nkunu se nisimgħu (Atti 10:33).

2. Inwarrbu t-tfixkil (1 Pietru 2:1-2). Nafu li l-oħla barkiet Alla jsawwabhom fuq dawk li jfittxuh b'fidi ħerqana (Ebrej 11:6).

It-talb u l-ippritkar jaħdmu flimkien għall-avvanz spiritwali tagħna. Għalhekk għandna nitolbu biex Alla, primarjament:

1. Jassisti l-ministri tiegħu fix-xandir tal-Kelma (Kol.4:3-4; Ef.6:19-20).

2. Nitolbu wkoll biex Alla ibierek Kelmtu. Jagħmilha effettiva għalina bl-Ispirtu tiegħu meta nisimgħuha (2 Tessalonkin 3:1).

Mela s-semmiegħa hu mistenni minnhom li:

1. Jagħtu kasha b'diliġenza. Personifikat, l-għerf divin jgħid: "Imbierek il-bniedem li jismagħni, jishar kuljum wara bwiebi, jistenna fuq l-għatba ta' biebi." L-udjenza għandha tkun preparata u toqgħod attenta b'liema atteġġjament tisma' (Luqa 8:18).

2. Ovvjament jippreparaw ruħna billi jitolbu, u kulma jirċievu jmisshom jitolbu dwaru (Salmi 119:18).

3. Is-semmiegħa għandhom jeżaminaw dak li jisimgħu bl-Iskritturi (Atti 17:11).

4. Għandhom jilqgħu l-verità bil-fidi (Ebrej 4:2), bl-imħabba (2 Tessalonkin 2:10), bil-manswetudini (Ġakbu 1:21), u ħeġġa mentali, bħala l-Kelma t'Alla (1 Tessalonkin 2:13).

5. Jixraq wkoll jimmeditaw fuq il-Kelma mismugħa (Luqa 9:44; Ebrej 2:1), u jaħbuha fi qlubhom, jiġifieri jgħożżuha (Proverbji 2:1; Salmi 119:11).

6. Finalment, il-qofol ta' kull smigħ tal-Kelma hu biex l-individwu jagħraf jipproduċi l-frott tagħha f'ħajtu. "Imma dawk ta' fuq art tajba huma dawk, li b'qalb onesta u tajba, jisimgħu l-kelma, iżommuha u jagħmlu l-frott bis-sabar" (Luqa 8:15).

## L-Evanġeliżmu

Alla ddepożita kelmtu fil-knisja, il-kolonna u r-rifda tal-verità, mhux għax hi infallibbli, imma għax hi mogħtija l-inkarigu biex tħarisha u twassalha bla mittiefa lil ħaddieħor. Il-Kelma hi teżor distintivament tagħha, mhux biex jibqa' moħbi fi ħdanha imma bir-responsabbiltà solenni li tgħaddiha lill-ġnus. "Morru fid-dinja kollha u xandru l-evanġelju."

Il-knisja ngħatat l-inkarigu biex dak li rċeviet b'xejn tgħaddih b'xejn lill-mitlufa. Għalhekk il-ħidma tal-knisja biex twassal il-bxara t-tajba li dawk li għadhom bla tama tisfa ta' barka kemm għad-dinja kif ukoll għall-Kristjani nfushom li jinvolvu ruħhom f'dal-ministeru fejjiedi.

Id-dixxipli li jimpenjaw ruħhom fl-evanġeliżmu jesperjenzaw aktar il-preżenza u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, u jġarrbu l-barka t'Alla fuqhom, sforz l-ubbidjenza għall-mandat ta' Kristu (Atti 13:49,52).

Sikwit ix-xandir tal-evanġelju u l-mili tal-Ispirtu huma konnessi flimkien. (Ara Atti 2:4 ma' v.14-36; 4:8,31; 9:17 ma' v.20; 13:9,52).

# IT-TALB

Il-barkiet kotrana t'Alla, kemm providenzjali kif ukoll spiritwali, jaslulna permezz tat-talb.

Bit-talb nersqu lejn Alla, li hu l-fonti ta' kull ġid u barka. Ix-xirka miegħu, it-taħdit tagħna miegħu fit-talb, iqanqal fina t-taħriġ tal-affezzjonijiet grazzjużi, reverenza, imħabba, gratitudni, sottomissjoni, fidi, ferħ u devozzjoni.

Meta r-ruħ titqarreb hekk m'Alla, Alla jersaq lejha, juriha l-glorja tiegħu, isawwab imħabbtu fiha, u jgħassisha bil-paċi li jisboq kull dehen. "Jekk wieħed iħobbni, iħares kliemi, u Missieri jħobbu, u aħna niġu għandu u ngħammru miegħu" (Ġwanni 14:23). F'komunjoni bħal din ir-ruħ bilfors titqaddes u tirċievi barka mis-sema.

# IL-QIMA

Alla jimmanifesta s-sebħ tiegħu fost dawk in-nies li jfaħħruh (Atti 13:2). Meta nersqu lejn Alla hu jersaq lejna (Ġakbu 4:8).

Asaf fehem, u ħeles mill-ansjetà u l-kedda tiegħu minħabba "s-suċċess" tal-ħżiena meta daħal fis-santwarju t'Alla. "Imbagħad," jgħid, "fhimt sewwa x'inhu tmiemhom." (Ara Salmi 73 kollu, speċjalment v.17).

Alla jittratta magħna bl-istess mod. Jekk sinċerament infittxu nigglorifikawh f'qima korporata, ma jistax jonqos milli jberikna. "Jekk il-poplu tiegħi, li fuqu jissejjaħ ismi, jumilja ruħu, u jitlob, u jfittex wiċċi, u jerġgħu lura minn triqathom il-ħżiena, jien nisma' mis-sema, u naħfer ħtijiethom, u nfejjaq lil arthom" (2 Kronaki 7:14).

## Il-Magħmudija

Il-Kristjan hu Kristjan għax kien maħtur skont l-għarfa minn qabel t'Alla l-Missier, bit-taqdis tal-Ispirtu, biex jisma' minn Ġesù Kristu, u jitraxxax b'demmu (1 Pietru 1:2). Hu salvat biex jobdi. Wieħed mill-atti bikrija li jrid jissottomettu ruħu għalih huwa proprjament il-magħmudija (Mattew 28:19-20).

Kwalunkwe ubbidjenza ġġib magħha l-barka. Il-magħmudija hi att pubbliku fejn wieħed jistqarr lil Ġesù bħala Sidu u Salvatur tiegħu, xi ħaġa li ċertament iġġib ferħ u hena. Wara li l-ewnuku tgħammed, baqa' sejjer ferħan għal triqtu (Atti 8:39); u l-istess ġralu l-għassies tal-ħabs u daru kollha (Atti 16:34).

## L-Ikla tal-Mulej

L-ordinanza tal-Ikla tal-Mulej, imwaqqfa mill-Mulej innifsu bħala sinjal u sigill tal-komunjoni tagħna ma' Kristu. Pawlu jenfasizza n-neċessità

ta’ awtoeżaminazzjoni qabel ma nersqu lejn il-Mejda tal-Mulej (1 Korintin 11:28-29). Meta wieħed jagħrbel lilu nnifsu quddiem Alla, bilfors jitbierek u jikber spiritwalment.

## Id-Dixxiplina fil-Knisja

Id-dixxiplina tippromwovi s-safa u l-qdusija. Sakemm l-Ispirtu s-Santu jikkonvinċi lil min għamel l-offiża u jwasslu għall-indiema, nistgħu nqisu d-dixxiplina bħala mezz ta’ grazzja.

Id-dixxiplina waħidha, bħala passi meħuda, mhix biżżejjed. Huwa l-Ispirtu li jqanqal fil-midneb l-għali “kif suppost” illi jipproduċi ndiema li twasal għas-salvazzjoni u ma tħalli ebda dispjaċir.

Għalhekk importanti li kull pass dixxiplinarju jittieħed fil-preżenza tal-Mulej (1 Korintin 5:4; cf., 4:19-20).

Id-dixxiplina, mela, mhix xi toqol; anzi, għandha titqies bħala mezz ta’ grazzja għax biha sseħħ ir-rikonċiljazzjoni ma’ xulxin u m’Alla, dak li żbalja jkun restawrit, u l-bqija jkunu mwissija (1 Timotju 5:20).

## L-Għoti

Bħalma Alla jesprimi l-benefiċjenza tiegħu filli jagħti, hekk ukoll uliedu għandhom dal-privileġġ illi jservu ta’ barka għal ħaddieħor, hekk li fl-istess proċess igawdu huma nfushom il-barka mis-sema, għax, “hu aktar imbierek tagħti milli tirċievi” (Atti 20:35).

Meta Pawlu ta direttivi rigward l-għoti finanzjarju bħala għajnuna lill-qaddisin foqra, jużа lingwaġġ elevat li bih jagħtina x'nifhmu li l-għoti mhux sempliċement dmir imma wkoll mezz ta' grazzja. Pereżempju:

1. Jgħid li l-knejjes tal-Maċedonja "talbuna b'leħħa kbira biex nilqgħu l-għotja tagħhom, u li jixxierku f'dil-ħidma għall-għajnuna tal-qaddisin."

2. "Min jiżra' bil-kotra, bil-kotra wkoll jaħsad. Ħa jagħti kull wieħed skont ma jidhirlu f'qalbu: mhux fuq qalbu, jew ta' bilfors, għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħa. U Alla jista' jkattar fikom kull grazzja, biex intom, billi dejjem u f'kollox ikollkom kulma teħtieġu, ikollkom iżżejjed f'kull għemil tajjeb."

3. Alla "jkattar iż-żerriegħa miżrugħa tagħkom, u jżid il-frott tal-ħaqq tagħkom, biex mogħnija b'kull ġid, tkunu tistgħu tagħtu karità, li permezz tagħna tagħti radd il-ħajr 'l Alla" (2 Korintin 8:4; 9:6-8,10-11).

# Doni Spiritwali

Mhemmx dubju li Alla jagħnina bil-grazzja tiegħu hekk kif id-doni li forniena bihom nużawhom għall-ġid u l-edifikazzjoni ta' xulxin fil-knisja tiegħu (1 Pietru 4:10).

Imħaddma skont ħsieb l-Ispirtu s-Santu, id-diversità ta' doni, sew jekk dawk li jikkonċentraw fuq il-kelma, kif ukoll dawk li jenfasizzaw il-qadi, iwasslu lill-fidili d-diversità tal-grazzja t'Alla Alla jbierek lill-poplu tiegħu, aktar u aktar meta l-kariżmi jitħaddmu kif inhu xieraq, jiġifieri, b'motivazzjoni ta' mħabba lejn xulxin, u mhux biex wieħed

jitkabbar jew jiftaħar bil-kapaċitajiet tiegħu. "Ladarba mħeġġin għal doni spiritwali, fittxu li teċċellaw fil-bini tal-knisja" (1 Korintin 14:12. Efesin 4:12-16).

# Ix-Xirka tal-Fidili

Il-knejjes lokali huma espressjoni viżibbli ta' x'kapaċi twettaq il-grazzja t'Alla fil-ħajja ta' nies komuni. Mill-bidu l-Insara kienu magħrufa li jiltaqgħu flimkien biex jagħtu qima, jitolbu, jaqsmu l-ħobż flimkien, u jisimgħu l-kelma mxandra lilhom, kif ukoll għal skopijiet sekondarji oħra.

Il-Kristjan mhux maħsub li jinqata' għalih waħdu, billi hu membru wieħed ta' ġisem li għandu jiffunzjona bħala ġisem, ċoè kull membru jipparteċipa għal għan wieħed.

Dwar il-knisja appostolika jingħad kemm kienet tagħraf dal-mezz biex l-aħwa kollha, bil-kollaborazzjoni ta' xulxin, jissaħħu fil-fidi. "Baqgħu kuljum jiltaqgħu b'fehma waħda fit-tempju, jiksru l-ħobż minn dar għal dar, u jieklu l-ikel tagħhom bil-ferħ u s-safa tal-qalb, ifaħħru 'l Alla u magħġubin mill-poplu kollu. U l-Mulej kien kuljum iżid lill-knisja dawk li jkunu salvati" (Atti 2:46-47).

Evidentement, fil-għaqda hemm is-saħħa u r-risq, u l-kobor kemm fil-grazzja kif ukoll fil-għadd.

"Il-ħadid jinsenn bil-ħadid; hekk bniedem isinn bniedem ieħor" (Proverbji 27:17). Interazzjoni ma' Kristjani oħra, anke fl-ikel (Ġuda

12) tħalli effett pożittiv fuq il-karattru. Mela jmissna nkunu ħerqana biex niltaqgħu flimkien regolarment (Ebrej 10:24-25).

# Ministeru Personali

Il-Kristjani sikwit jgħinu u jservu lil xulxin skont il-bżonnijiet li jinqalgħu. Dal-ministeru jista' jkun kelma inkuraġġanti, eżortazzjoni jew twissija. "Issa nħeġġukom, ħuti, biex twissu lill-għażżenin, biex tagħmlu l-ħila lill-beżżiegħa, biex twieżnu lid-dgħajfin, biex iżżommu s-sabar ma' kulħadd. Qisu li ħadd ma jrodd deni għal deni lil ħadd; imma dejjem fittxu dak li hu tajjeb, sew bejnietkom, u kemm ma' kulħadd" (1 Tessalonkin 5:14-15).

Band' oħra aħna mogħtija direttivi biex ngħallmu u nwissu lil xulxin bil-għerf kollu (Rumani 15:14). Jingħad illi kliemna għandu "jagħti grazzja lil min jisma'. Aħna eżortati biex inġibu lura lill-midneb mill-errur ta' mogħdijietu (Kolossin 3:16; Efesin 4:29; Ġakbu 5:20).

L-aħwa, mela, għandhom ikunu attenti biex iqanqlu 'l xulxin għall-imħabba u l-opri tajba (Ebrej 10:24-25).

B'dawn il-mezzi għall-użu tagħna, nikbru fil-grazzja. Jien irrid nirraġuna illi se naħdem, għax Alla jaħdem fija (Filippin 2:12-13). Se nistinka, għax irċevejt il-grazzja (1 Korintin 15:10).

© Paul Mizzi, 2014. www.tecmalta.org